**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**<u>DEGRIET KAMERALI</u>**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 136/2024/1DC**
**f'l-ismijiet**

***Avukat Dottor Malcolm Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita' numru 405168M imwieled TasSliema, residenti 56, Gwardamangia Hill, pieta', iben Richard u Mary Louise nee' Debono a nom u in appreżentanza tal-assenti Ioannis Anastassiades detentur tal-Passaport Ċiprijott numru K00159265 iben George u Niki nee' Kypri resident Nicosia, Ċipru; u Sterforce Investments Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpaniji HE158940 reġistrata f'Nicosia, Ċipru.***

***vs***

***Alain Mangion***
***detentur tal-Karta tal-Identita' numru 405263M imwieled Tas-Sliema, residenti 61, Waterfront Place, The Strand, Sliema, iben Anthony Ralph u u Amelia nee' Muscat; u***
***Credinvest International Corporate Finance Limited***
***bin-numru reġistrazzjoni ta' kumpaniji C-21795 bl-indirizz talta' reġistrazzjoni Credinvest House, 157, Triq lqo, alletta.***

**Illum, it-22 ta' April 2024**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fis-26 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talbu lil din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

*Jbiegħu, jneħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull propjeta' u b'mod partikolari l-fond 'Credinvest House', 157, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fis-26 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema laqgħet it-talba tar-rikorrent proviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għat-22 ta' Frar 2024.

Rat li r-risposta ta' l-intimati preżentata fis-16 ta' April 2024[1] permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talba ojerna.[2]

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fit-18 ta' April 2024 meta r-rikors tħalla għal provediment kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

## Il-Fatti

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti Ioaonnis Anastrassiades u Sterforce Investments Limited ġew kanoniżżati kredituri ta'l-intimati fis-somma ta' erbgħa mitt elf euro (€400,000) oltre imgħaxxijiet, VAT u spejjez ġudiżżjarji, dan permezz ta' sentenza mgħotija mill-qorti distrettwali ta' Nocosia ġewwa Ċipru fis-6 ta' Lulju 2018. Din is-sentenza ġiet rikonoxxuta u dikjarat eżegwibbli għall-effetti kollha tal-Liġi ta' Malta skond sentenza mgħotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'l-1 ta' Novembru 2023. Din l-aħħar sentenza imsemmija ġiet appellata mill-intimati u l-appell għadu pendenti.

Illi jirriżulta ukoll li l-intimati għamlu xi paġamenti, u sar depożitu wara l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, b'mod li l-ammont issa dovut huwa tlett mija sitta u sebgħin elf u sitt mija u disgħa u sittin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€376,669.53).

## Konsiderazzjonijiet

Ikkunsidrat

[1] In-notifika ta'l-intimati kellha ssir bil-proċedura ta'l-publikazzjoni u affisjoni. Mill-atti jirriżulta biss meta saru l-affissjonijiet; l-intimati pero, permezz tar-risposta minnhom preżentata taw ruħhom b'notifikati bir-rikors.

[2] Jiġi rilevat li fir-risposta hemm referenza għal dokument, rikors ta' appell, li kuntrarjament għal dak li jingħad fir-risposta ma kienx anness mar-risposta.

Illi t-talba tar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt huma jikkontendi li  għandhom kreditu kontra l-intimati (kif fuq spjegat) u biex jikkawtelaw dan il-kreditu qed jitlobu li l-intimati jiġu inibiti milli b'xi mod jiddisponu mill-propjeta fuq imsemmija.

Illi l-intimata tilqa' għal dawn it-talbiet billi tgħid li ma jissussistux l-elementi meħtieġa biex jinħareġ dan il-mandat. Jgħidu ukoll li l-propjeta imsemmija tappartjeni lis-soċjeta Credit Invest International Corporate Finance Limited, li fiha l-intimat Alain Mangion m'għandu l-ebda sehem u li għalhekk  l-mandat ma jistax jinħareġ fil-konfront tiegħu. Jgħidu li dan il-mandat mhux meħtieġ anke tenut kont tad-dekors taż-żmien mid-data tas-sentenza mgħotija mill-qorti ġewwa Ċipru. Jgħidu ukoll li l-propjeta imsemmija fir-rikors għandha valur ferm għola mill-kreditu tar-rikorrenti u aktar minn hekk ir-rikorrenti qed jitolbu l-ħruġ ta' dan il-mandat fir-rigward tal-propjeta kollha ta'l-intimati. Jgħidu ukoll li l-intimata Credit Invest m'gaħndhiex l-intenzjoni li tbiegħ il-propjeta imsemmija fir-rikors

Ikkunsidrat

Illi kif intqal aktar 'l fuq it-talba odjerna hija bażata fuq l-artikolu 874 tal-Kap 12. Dwar ir-rekwiżieti li għandhom jiġu sodisfatti biex jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, b'referenza għall-ġurisprudenza prevalenti in tema, esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-mandat f'l-ismijiet ***Adrian Puglisevich et vs Vladimir Joseph Puglisevich***[3] :

> *15. F'każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent jeħtieġlu juri żewġ affarijiet ewlenija. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid juri li huwa għandu mad-daqqa t'għajn, kreditu jew pretensjoni kontra l-intimat f'ammont li huwa ogħla minn €11,646.86; u fit-tieni lok, ir-rikorrent irid jispeċifika l-ġid li huwa qiegħed jitlob li jinżamm milli jiġi trasferit;*
>
> *16. Dwar l-ewwel ħtieġa, il-liġi titlob biss li l-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx inqas minn €11,646.86. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza tgħallimna li dwar il-jedd prima facie, il-liġi fl-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta timxi biss fuq il-pretensjoni u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa (ara Avv. Etienne A. Calleja nomine et v. Peppercorn Limited et proprio et nomine deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2019);*

[3] Degriet mgħoti fil-11 ta' Jannar 2022.

> *17. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' dejn jew pretensjoni hemm bżonn illi jkun hemm. Jekk id-dejn jew pretensjoni taqbeż il-€11,646.86, allura dan jitqies bħala jedd li mad-daqqa t'għajn huwa biżżejjed biex jinħareġ il-mandat (ara Alfred Testa v. Carmel sive Charles Giordmaina et, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2016);*
>
> *18. ... ... fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx bżonn li r-rikorrent juri li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli jew ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor bħal fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Joseph Portelli v. St. John Development Limited deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016). Mod ieħor, għall-finijiet ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-possibilta' waħedha li l-parti intimata tista' titħajjar tittrasferixxi, tgħabbi jew tgħaddi minn idejha xi ġid li jkun jista' jservi bħala garanzija għall-pretensjonijiet tal-parti rikorrenti kreditriċi huwa biżżejjed biex isejjes il-ħtieġa tal-mandat (ara Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2016)*

Illi aktar minn hekk, u dwar l-oneru tal-prova impost fuq rikorrent f'talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dan in eżami, huwa ben stabbilit ukoll li:

> *Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti illi tgħid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le fil-mertu. Dak l-aċċertament trid tagħmlu dik il-Qorti li sejra tittratta funditus l-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti u d-difiża tal-intimat u hutu kontra l-azzjoni attrici. Din il-Qorti tillimita ruħha biex tgħid illi r-rikorrenti ma kenitx legalment prekluża milli titlob il-ħruġ tal-Mandat kontra kull wieħed mis-sebat aħwa Farrugia.*
>
> *Ir-rwol ta` din il-Qorti fi proċediment speċjali bħal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabilixxi jekk ir-rikorrenti għandhiex inkella le jedd prima facie kontra l-intimat. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawża "Grech pro et noe vs Manfre" ir-rekwiżit tal-jedd prima faċie huwa oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*[4]

---

[4] Degriet mgħoti fis-26 ta' Marzu 2020 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-mandat f'l-ismijiet ***Munqar Limited vs Annetto Farrugia et.***

Illi in vista ta' dan it-taghlim ġurisprudenzjali l-eżerċizju li trid tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk il-kreditu pretiż hux ben fondat u f'liema ammont (purche jeċċedi s-somma ta' €11,646.86) imma jekk teżistix prima facie prova ta' jedd pretiz[5]. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda dubbju li dawn ir-rekwiżieti ġew sodisfatti stante li nġiebet prova ta' sentenza estera li ġiet rikonoxxuta u reża enforzabbli hawn Malta permezz ta' deċizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Ikkunsidrat

Illi in kwantu it-talba tar-rikorrenti hija diretta lejn *kull propjeta'* tagħhom l-intimati għandhom raġun jilmentaw.

Illi f'dan ir-rigward jibda biex jingħad li l-artikolu 874 jispeċifika li l-għan ta' mandat bħal dan in eżami

> *hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos* ***mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors***

Illi huwa ben stabbilit li mandat ta' inibizzjoni jinħareġ biex tinżamm propjeta sufficjenti biex tiġi kawtelata l-pretensjoni ta' minn jitlob il-mandat. Dan ifisser li ma jistax jintalab mandat fir-rigward tal-ġeneralita tal-propjeta appartenenti li persuna fil-konfront ta' min hija indirizzata l-pretensjoni. F'dan is-sens esprimiet tuħha din il-Qorti kif divesament presjeduta f'l-atti tal-mandat f'l-ismijiet ***Nutar Dr Sylvana Borg Caruana vs. Sharon Ellul Bonici*****:**

> *30. … … Wara kollox, il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinħareġ b'mod ġenerali fuq il-ġid kollu tal-intimat. Il-mandat jinħareġ speċifikatament dwar il-ġid speċifiku msemmi fil-mandat u mhux ukoll dwar ġid ieħor tal-esekutat li mhuwiex imsemmi fir-rikors. Huwa sewwasew għalhekk li r-rikorrent jeħtieġlu jindika b'mod preċiż u speċifiku liema huwa dak il-ġid li għandu jintlaqat bil-mandat;*
>
> *31. Wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh, li l-iskop aħħari tal-mandat ta' inibizzjoni mhuwiex li jweġġa' lill-intimat biex dan jinżamm milli jiddisponi minn kull ġid li għandu, iżda l-iskop tal-mandat huwa li żżomm biżżejjed ġid tal-esekutat biex dan jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-kreditur (ara Antoinette Farrugia pro et noe v. Nicholas sive Kola Farrugia pro et noe deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awwissu, 2013);*

[5] Ref ukoll Blye Engineering Co. Ltd. vs Visa Investments Ltd: Prim'Awla 17 ta' Mejju 2012.

Illi konsegwentement it-talba tar-rikorrenti in kwantu tirreferi għall-kull propjeta ta'l-intimati b'mod ġenerali m'għandha l-ebda bażi legali.

Ikkunsidrat

Illi l-intimati jallegaw li l-valur tal-propjeta speċifikatament imsemmija fir-rikors u ċioe Credinvest House, 157, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta jeċċedi sewwa l-kreditu pretiż mir-rikorrenti. Huma jgħidu li l-propjeta speċifikatament imsemmija fir-rikors tiswa' aktar mill-miljun Euro (€1,000,000); min-naħa l-oħra l-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedottta fir-rikors ma teċċeddiex l-erbgħa mitt elf euro (€400,000).

Illi dwar din l-allegazzjoni l-intimati ma ressqu l-ebda prova. Fi kwalunkwe każ dawn odjerni huma proċeduri sommarji fejn l-elementi rikjesti huma tnejn speċifiċi (kif fuq spjegat) u li għandhom jiġu deċiżi fuq bażi prima facie. Jekk l-intimati deherilhom li setgħet tingħata ġaranzija oħra għall-pretensjoni tar-rikorrenti kien jispetta lilhom li joffru din il-ġaranzija alternattiva. Aktar minn hekk l-intimati għandhom rimedji oħra jekk jidhrilhom li jistgħu jiġġaratixxu l-kreditu tar-rikorrenti bi propjeta oħra jew b'modi oħra. F'dan is-sens esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta f'l-atti tal-mandat f'l-ismijiet ***Marica Cassar vs Universal Publicity Services Limited***[6] f'liema kaz l-intimati ukoll ilmentaw li l-valur tal-propjeta imsemmija mir-rikorrenti kien jeċċedi sew il-valur tal-pretensjoni tar-rikorrenti u anke offrerw propjeta alternattiva[7]

> *Illi għandu jiġi rilevat illi s-soċjetajiet intimati ma resqux provi permezz ta' riċerki uffiċjali għar-rigward ta' jekk l-assi offruta jew imsemmija minnhom bħala li jistgħu jikkawtelaw il-pretensjoni tar-rikorrenti humiex milquta minn privileġġi jew djun ipotekarji.*
>
> *Illi fi kwalunkwe każ il-proċedura odjerna hija ta' natura sommarja u fuq livell prima facie u mhijiex maħsuba sabiex jiġu ttrattatti kwistjonijiet ta' din ix-xorta bħal jekk hemmx garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni. Kwistjonijiet bħal dawn għandhom jiġu ttrattati fl-ambitu ai termini tal-proċedura apposita regolata bl-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

---

[6] Deċiż 27 ta' Diċembru 2016.

[7] F'dak il-kaz il-pretensjoni tar-rikorrenti ma kenitx teċċedi €50,000 u l-mandat intalab fir-rigward ta' żewġ propjetajiet li flimkien kellhom valur ta' €1,300,000. Fil-kors tal-proċeduri r-rikorrenti irtiraw it-talba fir-riġward ta' waħda mill-propjetajiet. L-intimati baqaw jinsistu li xorta kien hemm sproporzjon bejn il-valur ta' dik il-propjeta waħda u l-pretensjoni tar-rikorrenti u offrew propjeta oħra li fil-fehma tagħhom kellha valur aktar qrib għal dak tal-pretensjoni tar-rikorrenti.

Illi l-intimati jallegaw ukoll li l-propjeta fuq imsemmija tappartjeni lis-soċjeta intimata Credinvest Corporate Finance Limited waħeda u mhux lill-intimat l-ieħor Alain Mangion. L-intimat naqsu li jġibu prova ta' din l-allegazzjoni ukoll. Għall-istess raġunijiet hawn fuq espressi l-Qorti hija tal-fehma li f'nuqqas ta' prova inekwivoka fir-rigward id-determinazzjoni ta' dan il-punt jmur 'l hemm mill-eżerċizju li għandha tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri.

Ikkunisdrat

Illi kif intqal l-intimati jikkontendu ukoll li d-dekors taż-żmien minn meta ingħatat l-ewwel sentenza mill-Qorti f'Ċipru sa meta sar ir-rikors odjern huwa raġuni għalfejn it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda. Din il-kontensjoni pero m'għandha l-ebda bażi leġali.

Illi għandu jiġi rilevat li fil-waqt li huwa minnu li r-rikors biex is-sentenza estera ssir enforzabbli lokalment ġie preżentat fit-8 ta' Mejju 2020 u ghalhekk wara kawżi sentejn u ġie deċiz mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'l-1 ta' Novembru 2023. Fil-21 ta' Diċembru 2023 mbagħad ġie preżentat mandat ta' sekwestru. Ir-rikorrenti jgħidu li meta in segwietu għal dak il-mandat ta' sekwestru sar depożitu ta' €25,086.74 biss, liema ammont ikopri parti żgħira ħafna mill-kreditu tagħhom, huma proċedew bir-rikors odjern. Id-depożitu sar f'l-1 ta' Jannar 2024 u r-rikors odjern ġie ġreżentat fis-26 ta' Jannar 2024.

Illi minn dan jidher li r-rikorrenti stennew biex jikkawtelaw il-kreditu tagħhom wara li Qorti nazzjonali ikkonfermat l-eżekuttivita tas-sentenza mgħotija favorihom. Jidher ukoll li l-istess rikorrenti rrikorrew għall-mandat ta' inibizzjoni bħala l-aħħar miżura meta meżżi oħra disponibbli (il-mandat ta' sekwestru) irriżżultaw kważi ineffettivi.

Illi indipendentement minn dan l-iter d-dekors ta' żmien mhux ostakolu għar-rikorrenti biex jużufruwixxi mir-rimedju kollha li tagħtihom il-Liġi biex, skond iċ-ċirkostanzi tal-każ tagħhom, jikkawtelaw il-kreditu tagħhom.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiċħad it-talba tar-rikorrenti in kwantu tirreferi b'mod ġenerali għal kull propjeta ta'l-intimati, tilqa' definittivament it-talba dedotta fir-rikors tad-19 ta' Jannar 2024 in kwantu tirreferi għal fond Credinvest House, 157, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta. Ai fini ta'l-artikolu 874(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa biex jirreġistraw il-mandat kif trid il-liġi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu skond kif finalment determinat mill-Qorti ta'l-Appell fil-proċeduri fuq imsemmija.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**